**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Ergha, 10 ta' Mejju 2017**

**Talba Nru: 603/16 CZ**

**Bilven Limited (C 68547)**

**vs.**

**William Bugeja (ID 595863 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fid-29 ta' Dicembru 2016 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tlett'elef tmin mija u zewg Euro u sitta w hamsin centezmu (€3,802.56), dovuti ghal dawn ir-ragunijiet:

Illi l-kumpanija attrici bieghet u kkonsenjat materjal tal-kostruzzjoni, u offriet servizzi ta' radam, lill-konvenut, u lill-kumpanija W. B. Construction Limited (C 46211), fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju taghhom;

Illi ghalkemm il-konvenut, u l-kumpanija W. B. Construction (C 46211), gew interpellati permezz ta' ittra ufficcjali tas-17 ta' Novembru 2015 (2232/2015) maghmula taht id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ihallsu s-somma komplessiva ta' tlett'elef tmin mija u zewg Euro u sitta w hamsin centezmu (€3,802.56), rapprezentanti l-prezz tal-materjal u tas-servizzi hawn fuq indikati, il-konvenut ikkontesta l-istess ittra ufficcjali minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Illi ghalkemm il-kumpanija W.B. Construction Limited (C 46211) ma kkontestatx l-imsemmija ittra ufficcjali, u ghalkemm, ghalhekk, il-kumpanija attrici ezegwiet it-titolu ezekuttiv minnha ottjenut kontra l-istess imsemmija kumpanija, irrizulta illi W. B. Construction Limited (C 46211) ma kinitx f'pozizzjoni li tissodisfa l-kreditu tal-kumpanija attrici;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghalfejn m'ghandux dan it-Tribunal, prevja kull dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas, lill-kumpanija attrici, is-somma ta' tlett'elef tmin mija u zewg Euro u sitta w hamsin centezmu (€3,802.56) rapprezentanti l-prezz tal-materjal tal-kostruzzjoni, u tas-servizzi ta' radam, li gew forniti u rezi mill-kumpanija attrici kif hawn fuq inghad, fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tieghu.

Bl-ispejjez, inkludi dawk ta' l-ittra ufficcjali 2232/2015 tas-17 ta' Novembru 2015, u bl-imghaxijiet, dekorribbli mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett'elef tmin mija u zewg Euro u sitta w hamsin centezmu (€3,802.56). L-imghaxijiet ghandhom jithallsu mid-data tal-prezentata tal-kawza u mhux kif mitlub, stante li ma gewx prezentati la l-fatturi msemmija fit-talba u lanqas kopja ta' l-ittra ufficcjali relattiva.

L-ispejjez u drittijiet, eskluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 2232/2015 li ma gietx prezentata kif appena inghad, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur